MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 1384/2007

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
VS
EMANUEL BUHAGIAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Buhagiar ta' 32 sena, iben il-mejjet Anthony u Carmen nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' fis-17 t'Ottubru, 1975, residenti fl-indirizz numru '11', Triq ic-Cimiterju, Haz-Zabbar, detentur tal-karta ta' l-Identita' numru 497275(M).

Illi huwa akkuzat talli fl-20 ta' Jannar, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel diversi hsarat fil-vann ta' l-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni EAV-585 ghad-dannu ta' sid l-istess vann Joseph Spiteri mill-Kalkara, liema ammont tal-hsara jeccedi l-elf liri Maltin.

Illi huwa akkuzat ukoll talli hu qed jigi wkoll akkuzat talli fl-istess zminijiet, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss  biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nniffsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu meta zamm ghandu '*bandsaw'* li l-ammont taghha jiswa' erbgha mija u hamsin lira ghad-dannu ta' l-istess Joseph Spiteri mill-Kalkara.

Fl-ahharnett qieghed jigi akkuzat talli sar ricediv ghall-finijiet ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, wara li gejt ikkundannat precedentement b'sentenza li saret definittiva u ma tistax aktar tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol. 3) u dak ta' l-imputat (fol. 7)

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat kellu jiehu xi flus minghand il-kwerelant u kien ilu zmien konsiderevoli jigri wara l-kwerelant sabiex ihallsu u dana bla ebda ezitu. Fid-data indikata fic-citazzjoni l-imputat ma felahx aktar, qabad u kisser il-van tal-kwerelant.

Illi l-kwerelant, Joseph Spiteri, ikkonferma x-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur, izda fl-14 ta' Ottubru 2008, hafer lill-imputat, iddikjara li huwa ma kienx qed jippretendi xejn minghandu u rtira l-azzjoni kriminali.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------